MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 20/2011

**Joseph Zarb**

**vs**

**JF Security & Consultancy Services Ltd**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fl-24 ta’ Gunju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

<u>*“Introduzzjoni*</u>

*Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.*

*Da parti taghha s-socjeta' intimata replikat li kellha tasal ghal dik id-decizjoni in vista ta' lamenti da parti ta' klijenti taghha.*

*Provi*

*Ir-rikorrent stqarr li qatt ma naqas fid-doveri tieghu sia lejn il-principal u sia lejn il-klijenti tal-istess principal. Kontrarjament ghal dak allegat fil-konfront tieghu, huwa kien jenfasizza is-sahha u sigurta' tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol. Aktar u aktar ma kienx ben vist stante li kien membru attiv tas-sindakat lavoratorju minnu maghzul tant li kien 'shop steward' u firmatarju fuq il-ftehim kollettiv datat Mejju (bla gurnata 2004 applikabbli ghal perjodu Lulju 2003 - Marzu 2005).*

*Incident partikolari gie puntwalizzat minn Karmenu Vella segretarju tat-taqsima rilevanti fi hdan il-GWU.*

*Is-socjeta` intimata ipproduciet diversi xhieda. Jean Camilleri - Financial Controller, irredigiet l-iter tar-rikorrent li wassal ghat-terminazzjoni tieghu fl-ghoxrin (20) ta' Gunju 2006. Kellu incident fuq diversi lantijiet ta' xoghol - MIA, Cottonera Waterfront, Viset, RDC, BOV, Midi. Godwin Mercieca - Assistant Operations Manager - kellhu taht idejh l-istess rikorrent u kkonferma l-attegjament tieghu. Clive Mizzi - kienu jiehu hsieb il-makkinarju tal-pagament ghall-ipparkjar, liema makkinarju, ma kienx jithaddem mir-rikorrent. Xehed ukoll Joseph Farrugia - Direttur Generali 'Malta Employers Association' - li cahad fil-kaz tal-impjieg tar-rikorrent li ntqal xi diskors biex ma jindahlux f attivitajiet sindakali. ,*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi r-raguni moghtija mis-socjeta' intimata biex tiggustifika t-tkeccija tar-rikorrent mill-impjieg tieghu maghha kienet l-attegjament tieghu fuq il-lant tax-xoghol ta' diversi klijenti taghha. L-aktar wiehed gravi kien tal-MIA. Jirrizulta ftehim li ma kull security guard, kien ikun hemm guard tal-MIA. Huwa kien 'di sentu' hemm. F'lejl partikolari ma kienx u hemm irrifjuta li jibghat wiehed peress li hu kien shift*

*leader. Bi svista qajjem lil Chief Security Officer fil-hamsa ta' filghodu meta ma kienx xoghol u spicca tkecca minn hemm. Kienet ghalxejn li interveniet il-union tieghu, u spicca fuq lantijiet ohra. Meta ntbaghat il-Cottonera Waterfront, spicca li tnaqqsulu s-sieghat ta' xoghol u naqsulu l-introjtu.*

*Intervjena d-Dipartiment tax-Xoghol u gie rifuz lilu dak kollu lilu dovut. Fil-konfront mal-Assistant Operations Manager, kellu battibekk sia fuq ir-redigar tar-roster u sia fuq l-attivitajiet sindakali taghhom. Fuq il-lant tal-BOV Sta Venera, ma kellu l-ebda problemi. Inqalet pero' kwistjoni ta' overtime li kellu ragun l-istess rikorrent.*

*Kelli jissospendi lilu nnifsu mix-xoghol minhabba trombosi f saqajh. Skond il-Financial Controller, kellhom krizi ta' kuxjenza u naqsu milli japprofittaw ruhhom mill-isfortuna tal-istess rikorrent ghax setghu ikkeccuh. Meta dahal rega' ghax-xoghol, it-tabib socjetarju stess kien li impedih lilu milli jirritorna ghax-xoghol. Tefghu l-ex RDC kamra mhux tajba ghan-nies - vide ritratt JF1, esibita fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru 2007. Ma kien fiha xejn. Spicca mill-Viset Waterfront ghax kien difficli ghalih li jhaddem il-magna.*

*Fil-Midi, ma tawx safety equipment fuq sit ta' kostruzzjoni. Bhala employers ezemplari, il-principal stess kellu jara u jipprovedi apparat kif suppost mhux ihalli lill-impjegat jillamenta u ghax jillamenta jaqlagha fuq wiccu!*

*Illi jirrizulta lit-Tribunal li r-rikorrent kien haddiem ezemplari interessat fix-xoghol. Pero' hekk kien ukoll f'ambjent sindakali kien ifittex ukoll id-drittijiet tieghu u ta' shabu l-haddiema tieghu. L-uniku tort li kellu fl-incident tal-MIA kien li qajjem persuna fil-hamsa ta' filghodu (5.00am) meta ma kienx xoghol! RDC u Midi kien tinvolvi sahhet il-haddiem fuq il-post tax-xoghol. Viset Waterfront - nuqqas ta' nformazzjoni teknologika.*

*Fittex ghad-drittijiet tieghu ta' sieghat ta' xoghol, hlas taghhom u hlas ta' overtime - irrefera l-materja lid-Dipartiment koncernat - spicca fil-ktieb iswed tal-*

*kumpanija. Fil-kwalita' tieghu ta' shop steward kien ikollu diversi inkontri mar-rapprezentani tal-kumpanija aktar u aktar meta kienu s-superjuri tieghu. Mhux l-ewwel darba li tali inkontri ikunu xi ftit movimentati.*

*Illi haddiem ma ghandhux ikun penalizzat talli jfittex id-drittijiet tieghu u aktar minn issalvgwardja tal-istess drittijiet tieghu. Huwa ovvju li r-rikorrent, aktar u aktar fil-kariga tieghu, mhux tip sottomess u jirrassenja ruhu. Ta' dan pero hallas prezz qares.*

*Illi oltre dan, lanqas jirrizulta li ai termini tal-Ftehim Kollettiv fuq citat giet segwita l-procedura elenkata fl-Art 17 u 18 Solament ircieva ittra ta' terminazzjoni. Il-prezz imhallas ghandhu jigu risarcit. Terminazzjoni ta' impjieg ma ghandhiex tkun irhisa biex tkun facli li tigi adempjata, Anzi ghandha tkun projbittiva f'kaz li ma tkunx gusta u gustifikata.*

*Wara li ra l-Art 80 u 81 tal-Kap 452 it-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000)*

*<u>Konkluzjoni</u>*

*Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni gusta, u tiffissa l-kumpens pagabbli mis-socjeta' intimati lir-rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000).*

*Drittijiet qed tigi ffissata s-somma ta' tmenin ewro (€80)."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' JF Security & Consultancy Services Ltd datat 6 ta' Lulju 2011 a fol 1 tal-process, fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar l-award bl-isem ta' Joseph Zarb kontra JF Security Consultancy Services Ltd u kif ukoll thassar u tirrevoka l-kumpens moghti fl-istess award u gentilment tghaddi biex wara li taghmel il-pronunzjamenti opportuni

tiddikjara li t-tkeccija kienet ghar-raguni gusta u valida fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Joseph Zarb datat 19 ta’ Lulju 2011 a fol 5 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher l-appellat assistit minn Dr Aaron Mifsud Bonnici, u Dr Charlotte Camilleri mis-socjeta’ appellanti rapprezentata minn Matthew Formosa. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta’ Gunju 2012 fejn l-appell gie rikjamat ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet ghan-nom tal-istess partijiettaw ruhhom notifikati bl-istess digriet u ghalhekk il-Qorti ser taghddi sabiex taghti d-decizjoni fuq dan il-kaz.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 24 ta’ Gunju 2011.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji odjerni huma fis-sens (a) li T-Tribunal Industrijali ghamel zball meta rrefera ghall-Ftehim Kollettiv li ghall diversi snin ma kienx japplika ghall kaz in ezami; (b) saret riferenza fid-decizjoni li l-appellat kien shop steward ma’ Union izda t-Tribunal ma rrikonixiex il-fatt li din ma kienitx problema mas-socjeta’ appellanti; (c) fir-

rigward is-sahha u sigurta huwa kien mitlub sabiex jistenna fil-guard room sakemm jigi provdut apparat gdid; (d) Clive Mizzi citat fid-decizjoni dwar provi kien fil-fatt Clive Demicoli; (e) is-socjeta' appellanti kif id-decizjoni kkonkludiet li l-appellat kien haddiem ezemplari interessat fix-xoghol tieghu meta l-provi kollha jindikaw ilmenti u tkeccijiet fil-konfront tieghu, tant li l-appellat irrifjuta li jahdem f'xi siti u s-socjeta' appellanti ma kellhiex alternattiva hlief li tkeccieh; (f) li l-provi inghalqu fit-2 ta' Ottubru 2009 wara sena u tmien xhur u l-kaz gie deciz sena u tmien xhur wara fl-24 ta' Gunju 2011.

Illi din il-Qorti thoss li l-aggravji ndikati (b) sa (d) jirreferu ghall-apprezzament ta' provi li sar mit-Tribunal Industrijali, u din il-Qorti thoss, li ovvjament dan jesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti fis-sens li hemm appell biss quddiem din il-Qorti fuq punt ta' dritt u mhux fuq apprezament ta' fatti. B'hekk dawn l-ewwel aggravji qed jigi michuda.

Illi fil-fatt jidher li l-istess Tribunal wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu billi accetta t-tezi tal-appellat u mhux dik tal-appellanti u wiehed jista' jaghzel li jaqbel u ma jaqbilx, anke dwar il-mod li l-istess decizjoni giet redatta, izda l-punt bazilari huwa li skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452,** jista' jsir appell minn tali decizjoni fuq punt ta' dritt biss u dawn l-aggravji ma humiex punt ta' dritt izda punt ta' fatt li jaqghu u jibqaw fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal. Fil-verita' l-istess decizjoni hadhet konjizzjoni taz-zewg versjonijiet ta' allegati fatti sottomessi rispettivament mill-partijiet, evalwaw u tat ir-raguni ghaliex qadghet u emmnet il-versjoni tal-appellat, u b'hekk id-decizjoni hija wkoll motivata u tissodisfa dan il-vot tal-Ligi.

Illi dwar l-ewwel aggravvju jinghad li meta wiehed ihares lejn id-decizjoni tat-Tribunal fl-intier taghha din certament ma kinitx ibbazata fuq ksur tal-allegat Ftehim kollettiv u fuq il-procedura li kellha tigi segwita kieku l-istess kien applikabbli, izda biss fuq l-asserzjoni u l-konsiderazzjoni li skond l-istess Tribunal l-istess appellat tkecca mhux ghar-raguni gusta. Mela allura l-kwistjoni tal-applikabblita' o

meno tal-Ftehim Kollettiv, ma kienitx ir-raguni ghaliex it-Tribunal iddecieda illi jilqa' l-ilment tal-appellat quddiemu, ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

Illi dwar kemm it-Tribunal dam sabiex jaghti d-decizjoni tieghu mid-data ta' l-eghluq tal-provi, sfortunatament ftit hemm wiehed xi jghid, u certament li l-idejali mhuwiex dan, izda dan lanqas jista' jintuza sabiex la darba ittiehdet din id-decizjoni, din tigi mbaghad annulata fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. F'dan il-kaz certament li ma hemm ebda ksur ta' smiegh xieraq fil-konfront tas-socjeta' appellanti, u jidher li tenut kont tar-rizultanzi emanenti mill-istess decizjoni, li l-istess socjeta' appellanti bl-ebda mod ma giet pregudikata bil-mod kif mexxiet il-kawza u kif giet trattata b'dan li l-principji kollha ta' gustizzja naturali gew segwieti. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qed b'xi mod tinkoragixxi tali dewmien, izda kollox ghandhu jigi kkonsidrat b'mod relattiv, u skond il-mezzi disponibbli lit-Tribunal, nkluz l-*work load* li ghandhu, u f'dan il-kaz ma hemmx dubju li ma hemm l-ebda raguni ghaliex konsidrata d-data meta inghatat is-sentenza dan ghanda b'xi mod twassal ghall-annulament taghha fuq dan il-punt. Jekk is-socjeta' appellanti qed tfittex jew qed tirreferi ghal xi rimedju iehor minhabba allegat dewmien dan ghandu jsir fil-forum addatat u bil-proceduri gudizzjarji u/jew kostituzzjonali relattivi u mhux f'dawn il-proceduri u mhux quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza limitata kif provdut mill-**Kap. 452.** B'hekk anke dan l-ahhar aggravju qed jigi michud u allura l-appell kollhu qed jigi michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 19 ta' Lulju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti JF Security & Consultancy Services Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 6 ta' Lulju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed**

**tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Joseph Zarb vs JF Security & Consultancy Services Ltd" (Decizjoni Numru 2088/JB) datata 19 ta' Gunju 2009 (Kaz Numru 2418/JPB) ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra is-socjeta' appellanti JF Security & Consultancy Services Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------